.

# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 1 ta' Frar, 2002**

**Numru 9**

**Cit. Nru. 548/01(F1) GCD**

**General Distributors Limited**

**Vs**

**Super Master Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' disat elef erba' mija tnejn u sebghin liri Maltin u hdax-il centezmu (Lm9,472.11), rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjati mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta fuq ordni specifika ta' l-istess socjeta` konvenuta;

Illi mitluba diversi drabi sabiex tersaq ghall-hlas totali ta' dawn l-oggetti ghal diversi drabi, is-socjeta`

konvenuta hallset biss parti mid-debiti totali taghha u ghalhekk baqghet inadempjenti fil-kumplament u ghalhekk ghadha debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont hawn fuq imsemmi;

Illi l-kreditu tas-socjeta` attrici fis-somma ta' disat elef erba' mija tnejn u sebghin liri Maltin u hdax-il centezmu (Lm9,472.11) hu cert, likwidu u esigibbli kif jirrizulta minn kopja ta' l-"invoices", u safejn taf is-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ma ghandha l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta' dik is-somma;

Talbet illi din il-Qorti:

1. taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167 – 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta); u

2. tikkundanna minnufih lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disat elef erba' mija tnejn u sebghin liri Maltin u hdax-il centezmu (Lm9,472.11) fuq imsemmija u dovuta kif intqal aktar 'il fuq.

Bl-imghax mid-data ta' kull invoice sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji prezentati kontestwalment ma' l-att ta' citazzjoni kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Peter Paul Bonnici u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm